MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 122/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-dsatax ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (19.08.1989)( gewwa l-knisja ta' St. Thomas

More, tal-Qroqq, Msida u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru progessiv wiehed erbgha hamsa hamsa (1455) hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal;
3. Illi l-partijiet huma legalment separati b’kuntratt redatt nhar l-ewwel ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija u tnejn u disghin (1.06.1992) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saidon. Liema kuntratt ta’ separazzjoni qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B;
4. Illi l-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba’ snin separati legalment u ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi l-partijiet ilhom precizament ‘il fuq minn ghoxrin sena mifrudin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment stante illi in linea mal-kuntratt datat l-ewwel ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija u tnejn u disghin (1.06.1992), il-konvenuta irrinunzjat ghall-manteniment minghand l-attur;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civli, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ April 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta’ Gunju 1992 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------